# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 19 ta' Novembru 2001**

**Avviz. numru 177/01**

**Numru 21**

**OK Limited**

**vs**

**Desaru Limited**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' tmien mitt lira Maltin u tnejn u sebghin centezmi (Lm800.72) rapprezentanti l-prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lis-socjeta konvenuta mis-socjeta attrici.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra uficjali tat-22 ta' Settembru 2000 u bl-imghaxijiet legali b'effett mid-data tal-konsenja tal-merkanzija relattiva sad-data tal-pagament effettiv.

Is-socjeta' konvenuta giet ngunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat dak verbalizzat a fol 12 tal-atti.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, is-socjeta' konvenuta naqset u ma dehritx fis-7 ta' Novembru 2001 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm800.72,0 bl-imghaxijiet legali mit-22 ta' Settembru 2000 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inklzi dawk tal-ittra ufficjali tat-22 ta' Settembru 2000.

Alan Calleja
Deputat Registratur